MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1827/2002

***Grima Communications Ltd***

***vs***

***Informate Ltd***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm285) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' reklamar fuq l-istazzjon tar-radju *Live FM*, li xxandru fuq struzzjonijiet u bil-partecipazzjoni wkoll ta' rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta matul Gunju 1998.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza sal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Joe Grima rappresentant tas-socjeta’ attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit ma’ l-avviz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm285) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**